MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2003

Appell Civili Numru. 978/1995/1

**Emily Pace**

**vs**

**Adelaide sive Odette mart Carmelo Gatt**
**u l-istess Carmelo Gatt**

**Il-Qorti,**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-attrici, wara illi ppremettiet illi l-konvenuta otteniet minghand l-attrici ommha, prokura generali ghal skop partikolari, w il-konvenuta b'ingann u

ad insaputa tal-attrici, uzat din il-prokura biex bieghet u ttrasferiet il-fond 27 St. Barbara Bastions, Valletta, ir-residenza tal-attrici, u dana lil certu Paul Innerhofer, cittadin Austrijak, bil-prezz ta’ Liri Maltin tnejn u sebghin elf (Lm72,000) u dan in forza ta’ kuntratt ippublikat minn Nutar Peter Fleri Soler tal-31 ta’ Dicembru 1993 (Dok. A); illi l-attrici qatt ma kellha l-hsieb tbiegh din id-dar f’hajjitha w qatt ma tat awtorità lil bintha l-konvenuta biex tbiegh din id-dar; illi l-konvenuta kienet bieghet din id-dar kif fuq imsemmi ad insaputa tal-attrici li saret taf li l-unika residenza taghha giet mibjugha minn bintha, minn wara darha, fit-30 ta’ April 1994, erba’ xhur wara li sar l-att tal-bejgh, u bi prezz sostanzjalment inqas minn dak li d-dar kellha ggib fis-suq; illi l-konvenuta in segwitu ghall-kuntratt ta’ bejgh tad-dar fuq imsemmija zammew (*sic*) il-rikavat tal-prezz u m’ghaddew l-ebda somma tal-istess prezz lill-attrici ghalkemm interpellati jaghmlu dan anke ufficjalment; illi l-konvenuti jew min minnhom ghandhom fil-pussess taghhom diversi oggetti proprjetà tal-attrici fosthom pitturi, mobbli u gojelli kollox kif jigi spjegat f’izjed dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawza, liema oggetti qed jirrifjutaw li jirritornawhom lill-attrici; talbet ghar-ragunijiet premessi u dawk li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza ghaliex dik il-Qorti m’ghandhiex: (1) tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti jew min minnhom ma kellhom l-ebda awtorità jbieghu d-dar tar-residenza tal-attrici, cioè l-fond 27 St. Barbara Bastions, Valletta u konsegwentement li dak il-bejgh sar b’mod abbuziv u kontra l-volontà tal-attrici; (2) tiddikjara illi l-prezz tal-bejgh tal-fond fuq imsemmi, wara li minnu jitnaqqas kull ammont imhallas bhala Capital Gains Tax, drittijiet notarili, s-somma ta’ Lm30,720 lill-Awtorità tad-Djar bhala hlas lura tas-sussidju, jappartjenu lill-istess attrici; (3) tillikwida l-ammont li fadal mill-prezz tal-bejgh wara li jitnaqqsu l-ammonti fuq imsemmija w dana jekk hemm bzonn bl-opera ta’ periti nominandi; (4) konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici dik is-somma li tigi likwidata kif fuq intqal; (5) tikkundanna lill-konvenuti jirritornaw lill-attrici dawk l-oggetti kollha proprjetà taghha w li qeghdin fil-pussess taghhom kif fuq intqal; bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-[?] ta’ Settembru 1994 u tal-Mandat ta’ Sekwestru numru 1345/95 kontra l-

konvenuti ingunti ghas-subizzjoni, u bl-imghax legali, w b'riserva ghal kull azzjoni ohra inkluza wahda ghad-danni spettanti lill-attrici kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attrici u l-lista tax-xhieda u n-nota ta' dokumenti relativi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti illi permezz taghha eccepew:
Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;
Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti, guramentata mill-konvenuta, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat id-digriet moghti mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ghoxrin ta' Frar, 1998 illi permezz tieghu dik il-Qorti ddikjarat illi d-dokument pprezentat fit-tnax (12) ta' Settembru, 1997 mill-konvenuta b'nota
"… qieghed ghalxejn fil-process" u ordnat "… li jitnehha mill-inkartament", wara illi kkunsidrat hekk:

"Fit-12 ta' Settembru 1997 il-konvenuta, b'nota, ipprezentat dokument li jghid li hu 'nota ta' cessjoni ta' Emily Pace', u li jghid ukoll li l-attrici qieghda ccedi l-atti tal-kawza.

"Fil-21 ta' Ottubru 1997 l-attrici b'rikors talbet li dan id-dokument jitnehha mill-inkartament ghax ma sarx bil-kunsens taghha izda ttiehed b'qerq.

"Dan il-provvediment tallum huwa dwar din it-talba ta' l-attrici.

"Qabel ma tidhol fil-kwistjoni jekk id-dokument ittehidx b'qerq jew le, il-qorti hija tal-fehma li ghandha qabel xejn tara jekk dan id-dokument ghandux tassew l-effett li bih l-attrici tkun qieghda tirrinunzja ghall-atti, ghax jekk ma ghandux dan l-effett ikun sar ghalxejn, u ma jkun hemm ebda raguni ghala ghandu jibqa' fl-atti, ukoll jekk ma ttehidx b'qerq.

"Ir-rinunzja ghall-atti hija regolata fit-Titolu IX tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. L-art. 906(1) ta' l-istess kodici jghid hekk:

**906** Kull wahda mill-partijiet tista', b'nota iffirmata minnha jew mill-avukat taghha, f'kull waqt tal-kawza sas-sentenza definittiva, tirrinunzja ghall-atti illi hija tkun ipprezentat.

"Il-ligi trid illi r-rinunzja ssir b'nota. Nota hija att gudizzjarju li, bhal kull att gudizzjarju iehor, jircevih ir-registratur. Id-dokument li jghid li hu 'nota ta' cessjoni ta' Emily Pace' huwa fil-fatt nota? Kien ricevut mir-registratur?

"Mix-xhieda hareg li fid-9 ta' Settembru 1997 Rosemarie Vella, registratrici deputata tal-qorti, marret fid-dar fejn kienet rikoverata l-attrici izda biss biex tiehu l-gurament taghha fuq id-dokument, mhux biex lid-dokument tircevih. Fil-fatt, flok irceviet id-dokument hallietu f'idejn il-konvenuta biex din, wara, esibietu b'nota tat-12 ta' Settembru 1997. Li kieku tassew ir-registratrici deputata kienet irceviet l-att fid-9 ta' Settembru 1997, u wara hallietu f'idejn il-konvenuta, kienet tkun kisret il-ligi, li fl-art. 116 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, tghid hekk:

**116.** L-ebda att originali ma jista' jinghata lill-avukati, lill-prokuraturi legali, lill-partijiet f'kawza jew lil nies ohra mhux impjegati fil-qrati, sabiex jittiehed barra, jekk il-qorti, ghal xi raguni li ghandha x'taqsam mal-kawza jew ghal xi raguni ohra tajba, ma tordnax espressament li jinghata barra.

"Li kieku d-dokument kien tassew mahsub li jkun att gudizzjarju, ir-registratrici deputata kienet tircevih mhux thallih f'idejn il-konvenuta, kif ghamlet. Biex, imbaghad, id-dokument seta' dahal fl-atti, il-konvenuta kellha tesibieh, bhal kull dokument iehor, b'nota.

"Dak kollu juri li d-dokument ma kienx att gudizzjarju, izda kien biss kitba li, biex tidhol fl-atti, kellha tkun esibita

b'nota. Ladarba d-dokument ma kienx tassew nota, ma ghandux l-effett li bih l-attrici tirrinunzja ghall-atti."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Frar, 2001 illi permezz taghha l-Qorti iddecidiet hekk:
"Ghal dawn ir-ragunijiet il-qorti, wara li tichad l-eccezzjoni tal-konvenuta, tilqa' t-talbiet ta' l-attrici: tghid illi l-konvenuta bieghet il-fond ta' l-attrici kontra r-rieda taghha, u li dak li jifdal mill-prezz rikavat mill-bejgh huwa ta' l-attrici; tillikwida l-bqija tal-prezz fis-somma ta' tmintax-il elf, disa' mija u sitta u erbghin lira u erbgha u hamsin centemzu (Lm18,946.54), u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi tmintax-il elf, disa' mija u sitta u erbghin lira u erbgha u hamsin centezmu (Lm18,946.54) flimkien ma' l-ispejjez gudizzjarji kollha u l-imghax minn dak in-nhar li saret talba b'att gudizzjarju; tikkundanna lill-konvenuti jroddu wkoll lill-attrici l-ghamara u hwejjeg ohra ta' l-attrici li ghandhom f'idejhom, fosthom curkett b'topazju mdawwar bid-djamanti, labra, *cocktail cabinet*, gradenzina, ghadd ta' diski ta' l-opri, vazuni, ghamara tal-kamra tal-pranzu u ghamara ohra."

u dana wara illi kkunsidrat hekk:
"Il-fatti ta' dan il-kaz graw hekk:
"L-attrici u l-konvenuta huma omm u bintha. Hemm ukoll zewg ahwa ohra, ulied l-attrici u hut il-konvenuta. L-attrici kienet toqghod f'dar mikrija minghand l-Awtorità tad-Djar, sakemm marret toqghod ma' wahda minn uliedha - mhux il-konvenuta - li hija xebba. L-attrici ghalhekk ma baqghetx toqghod fid-dar li kienet tikri, ghalkemm halliet l-ghamara u hwejjigha hemm. Jidher li b'inizjattiva tal-konvenuta kien hemm il-hsieb li l-attrici tixtri din id-dar, izda, billi l-attrici ma kellhiex flus bizzejjed, il-hsieb kien li l-flus ghax-xiri johorguhom l-ulied. Billi izda z-zewg ulied l-ohra ta' l-attrici ma setghux, f'dak iz-zmien, johorgu l-flus, baqghu illi l-flus tohroghom il-konvenuta, ghalkemm ix-xiri jsir f'isem l-attrici. L-attrici ma riditx li d-dar tinbigh waqt li tkun ghadha hajja hi, u ghalhekk il-hsieb jidher li kien li, wara mewt l-attrici, id-dar tinbigh, il-konvenuta tiehu lura, mill-prezz tal-bejgh, il-flus li tkun harget ghax-xiri u xi

somma ohra wkoll talli tkun iccahhdet mill-kapital ghaz-zmien bejn ix-xiri u l-bejgh, u l-bqija jinqasam bejn l-ahwa.

“Gara, izda, illi l-konvenuta, flok harget il-flus hi, kisbet self mill-bank fuq isem ommha l-attrici, ghalkemm garantit mill-konvenuta u zewgha l-konvenut l-iehor, u nqdiet b’dawn il-flus biex id-dar inxtrat f’isem l-attrici. Is-self u x-xiri saru b’att pubblikat fl-10 ta’ Marzu 1993 min-Nutar Peter Fleri-Soler; ghall-attrici kienet dehret bi prokura l-konvenuta.

“Il-konvenuta tghid illi l-hsieb dejjem kien li, ghalkemm is-self u x-xiri saru f’isem ommha, il-qligh meta tinbiegh id-dar ikun ghaliha. Biex issahhah din ix-xhieda l-konvenuta esebiet kitba privata, li turi li saret quddiem in-Nutar Peter Fleri-Soler fit-3 ta’ Marzu 1993 u li fuqha ghandha dawk li jidhru li huma l-firem ta’ l-attrici Emily Pace u tal-konvenuta Odette Gatt. F’din il-kitba l-attrici tidher li qieghda taghraf li kienet isselfet tmenin elf lira (Lm80,000) minghand il-konvenuta biex tkun tista’ tixtri l-fond, u li ghalhekk hija debitrici tal-konvenuta f’dik is-somma. Il-kitba tkompli hekk:

Jiena [*i.e.* l-attrici] nintrabat li f’kaz li nbigh id-dar kwalunkwe flus li jien naqla’ mill-imsemmi bejgh nghaddihom immedjatament lill-imsemmija tifla tieghi Odette Gatt.

“Jidher mill-ewwel li, fil-parti fejn issemmi s-self, il-kitba ma tghidx is-sewwa ghax is-self sar mill-bank, mhux mill-konvenuta, u kien ta’ sittax-il elf lira (Lm16,000), mhux tmenin elf (Lm80,000).

“Aghar minn hekk, izda, l-attrici tichad li qatt iffirmat dik il-kitba, ghalkemm in-Nutar Peter Fleri-Soler xehed illi iffirmat quddiemu. Billi, ghall-ghanijiet ta’ l-art. 634 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, l-attrici cahdet illi l-firma hija taghha, il-qorti b’dikriet ta’ l-14 ta’ Gunju 1999 u tas-7 t’Ottubru 1999, hatret espert tal-kitba biex ighid jekk tassew il-firma kienitx ta’ l-attrici. Billi, ukoll, l-attrici cahdet li kienet ghamlet talba lill-bank biex jislifha l-flus ghax-xiri tad-dar (ghax l-attrici xehdet li l-hsieb kien li l-flus tislifhomlha l-konvenuta) il-qorti bl-istess

dikriet ordnat lill-espert biex jghid jekk il-firma li tidher li hi ta' l-attrici fuq il-ftehim ta' self mal-bank, li sar fid-9 ta' Novembru 1992, hijiex tassew ta' l-attrici. Il-firma ta' l-attrici fuq il-ftehim mal-bank jidher li saret bix-xiedha ta' Iris Pace, bintha ohra u oht il-konvenuta. Iris Pace wkoll cahdet illi l-firma bhala xhud hija taghha, u l-qorti ghalhekk ordnat lill-espert jara jekk il-firma li tidher li hija ta' Iris Pace hijiex tassew taghha.

"L-espert irrelata fit-28 t'April 2000 u fir-rapport fisser ir-ragunijiet ghala hu tal-fehma li l-firem ta' l-attrici fuq il-kitba tat-3 ta' Marzu 1993 u fuq il-ftehim ta' self tad-9 ta' Novembru 1992, u l-firma ta' Iris Pace fuq il-ftehim ta' self, huma firem foloz. Il-qorti, wara li rat it-tifsira ta' l-espert u qabblet il-firem fid-dawl ta' dik it-tifsira, taqbel illi, ukoll ghal ghajn mhux esperta, il-firem jidhru li ma jaqblux ma' dawk awtentici.

"Il-kwistjoni bejn il-partijiet essenzjalment hija din: li l-attrici qieghda tghid illi d-dar inxtrat mhux biss f'isimha izda wkoll fl-interess taghha, u ghalhekk, issa li d-dar inbieghet, ghalkemm bla ma kienet taf u kontra r-rieda taghha, ir-rikavat mill-bejgh ghall-inqas huwa taghha; il-konvenuta qieghda tghid illi d-dar inxtrat fl-interess taghha, ghalkemm minhabba ragunijiet ta' sussidju mill-Awtorità tad-Djar, kellha tidher li qieghda tinxtara f'isem l-attrici, u ghalhekk ir-rikavat mill-bejgh ghandu jkun taghha. Bhala xiehda ta' dak li qieghda tghid, izda, il-konvenuta tistrieh fuq dokument li huwa falz.

"Li l-konvenuti ma mxewx *in bona fede* jidher ukoll mill-ittra li l-konvenut baghat lill-attrici u lil bintha Iris fit-2 ta' Mejju 1994, *i.e.* wara li d-dar kienet gà nbieghet lil terzi. F'dik l-ittra l-konvenut mhux biss ma jghidx lill-attrici li d-dar nbieghet f'isimha, izda anzi jaghtiha x'tifhem li ghadha taghha u li jridu jsiru xi xogholijiet fiha u li ghalhekk ghandha ssib fejn tqieghed l-ghamara.

"Meta tqis li l-konvenuta nqdiet b'dokument li kienet taf li kien falzifikat, ghax setghet tara li min iffirma flimkien maghha bl-isem ta' l-attrici ma kienx l-attrici, u tqis ukoll il-*mala fides* tal-konvenuti, li fittxew li jahbu dak li ghamlu, il-

qorti hija tal-fehma li xejn ma ghandha temmen il-verzjoni tal-konvenuta, u aktar ghandha toqghod fuq il-verzjoni ta' l-attrici. Il-kuntratti ta' bejgh-u-xiri tad-dar ukoll isahhu l-verzjoni ta' l-attrici, ghax dawk il-kuntratti juru li l-attrici, meta xtrat, saret is-sid tad-dar, u, meta bieghet - jew, ahjar, sar il-bejgh f'isimha - kienet qieghda tbigh, jew kienu qeghdin jinbieghu f'isimha, hwejjigha, u ghalhekk il-prezz tal-bejgh, jew dak li fadal minnu wara li tnaqqsu spejjez legittimi, imiss lilha u mhux lil haddiehor.

"Il-prezz tal-bejgh kien tnejn u sebghin elf lira (Lm72,000). Kien hemm ukoll dawn il-hlasijiet lil terzi:

. hamest elef u erbghin lira (Lm5,040) akkont tat-taxxa fuq qligh
kapitali;
. sittax-il elf, erba' mija, tmienja u sebghin lira u wiehed u ghoxrin
centezmu (Lm16,478.21) biex intradd is-self lill-bank;
. tletin elf seba' mija u ghoxrin lira (Lm30.720) biex intradd is-
sussidju lill-Awtorità tad-Djar.

"F'idejn il-konvenuti ghalhekk kien fadal dsatax-il elf, seba' mija u wiehed u sittin lira u disgha u sebghin centezmu (Lm19.761.79). Il-konvenuti kienu wkoll, qabel ma sar il-bejgh, ghamlu hlasijiet ohra lill-bank akkont tas-self u l-imghax fuqu, u dawn il-hlasijiet ukoll ghandhom jitnaqqsu mill-bilanc tal-prezz li ghandhom jaghtu lill-attrici. Il-hlasijiet li ghamlu, kif jidher mill-i*statement* tal-bank, kienu, b'kollox, tmien mija u hmistax-il lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm815.25). Il-konvenuti ghalhekk fadlilhom jaghtu lill-attrici tmintax-il elf, disa' mija u sitta u erbghin lira u erbgha u hamsin centezmu (Lm18,946.54).

"Il-konvenuti ghandhom jaghtu wkoll lill-attrici l-ghamara li kien hemm fid-dar u l-hwejjeg l-ohra ta' l-attrici li ghandhom f'idejhom. Fost dawn il-hwejjeg hemm curkett b'topazju mdawwar bid-djamanti, labra, *cocktail cabinet*, gradenzina, ghadd ta' diski ta' l-opri, vazuni, ghamara tal-kamra tal-pranzu u ghamara ohra."

Rat ir-rikors ta’ l-appell tal-konvenuti illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu illi jigu revokati d-digriet tal-20 ta’ Frar, 1998 u s-sentenza tat-23 ta’ Frar 2001 u b’hekk jincahdu t-talbiet tal-attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi;

Rat ir-risposta ta’ l-appell ta’ l-attrici illi biha, ghar-ragunijiet hemm esposti, ssottomettiet illi s-sentenza appellata hija gjusta u timmerita konferma bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji tal-konvenuti appellanti kontra d-digriet ta’ l-ghoxrin (20) ta’ Frar, 1998 huma s-segwenti:
(1) Illi, fil-kliem testwali tar-rikors ta’ appell, “… l-ordni ta’ sfilz ta’ dik in-nota [liema nota fid-digriet appellat hija indikata f’dawn it-termini: “…dokument li jghid li hu ‘nota ta’ cessjoni ta’ Emily Pace’ …”] kien skorrett u bla bazi fil-ligi;”
(2) Illi, ukoll fi kliem ir-rikors ta’ appell: “Jekk dik in-nota ma kienitx ammissibbli bhala nota, certament kienet ammissibbli bhala prova tar-rinunzja ghall-kreditu.”

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenuti appellati ma avanzaw ebda raguni ghala “l-ordni ta’ sfilz” - kif isejhulu huma - jew “… li jitnehha mill-inkartament” - fi kliem id-digriet appellat - tan-nota in kwistjoni huwa “skorrett u bla bazi fil-ligi”, u dina l-Qorti, wara illi ezaminat l-istess digriet kollu, senjatament il-provvedimenti tal-ligi fih riprodotti u kif dawn il-provvediment gew applikati ghall-kwistjoni illi kienet qed tigi trattata, taqbel pjenament mal-konkluzjonijiet raggjunti u ma’ l-ordni maghmul mill-ewwel Qorti illi “Ladarba d-dokument ma kienx tassew nota [gudizzjarja], ma ghandux l-effett li bih l-attrici tirrinunzja ghall-atti” u “Ghalhekk id-dokument qieghed ghalxejn fil-process, u … tordna li jitnehha mill-inkartament.”

Illi, ghalhekk, l-ewwel aggravju mhux fondat;

Ikkunsidrat:

Illi, la darba, kif ghadu kemm inghad, l-ewwel Qorti kkonkludiet korrettement illi “d-dokument” in kwistjoni ma kienx jammonta ghal rinunzja ghall-atti tal-kawza odjerna u illi, ghalhekk, kellu “jitnehha mill-inkartament”, dina l-Qorti ma tistax tifhem kif il-konvenuti appellanti jippretendu - kif qed jaghmlu fit-tieni (2) aggravju taghhom - illi l-ewwel Qorti setghet xorta wahda tiehu konjizjoni ta’ l-istess “dokument” sabiex tara jekk kienx jammonta ghal prova ta’ rinunzja ta’ l-attrici ghall-kreditu minnha pretiz f’dina l-kawza;

Illi, ghalhekk, anqas it-tieni (2) aggravju tal-konvenuti appellanti ma jista’ jigi milqugh;

Illi ghall-kompletezza irid jinghad illi, ghalkemm fid-digriet appellat l-ewwel Qorti ordnat illi d-dokument imsejjah “nota ta’ cessjoni ta’ Emily Pace” ghandu jitnehha mill-inkartament, dan id-dokument fil-fatt baqa’ fl-inkartament. Dina l-Qorti, pero` qed taghmilha cara illi ghall-fini ta’ dan il-gudikat hija ma haditx konjizzjoni ta’ dan id-dokument;

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi l-aggravji tal-konvenuti appellanti kontra s-sentenza appellata huma:
(1) Illi, fi kliem ir-rikors ta’ appell, “… il-Qorti interpretat il-konkluzjoni peritali dwar il-firma tal-attrici; il-perit b’ l-ebda mod ma kien konklusiv fuq jekk dik il-prova kienitx twassal biex wiehed jghid li l-firma ma kienitx ta’ l-attrici.”
(2) Illi - ghal darb’ ohra fil-kliem testwali tar-rikors ta’ appell - “… l-ewwel Onorabbli Qorti ma tatx piz korrett ghall-provi kollha li ngiebu quddiemha. Meta wiehed jivvolja (*sic*) l-assjem tal-provi u jaghti l-piz gust taghhom ghandu jirrizulta li dak allegat mill-konvenuta kien korrett.” Fi kliem iehor, dan l-aggravju tal-konvenuti appellanti huwa illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti;

(3) Illi l-likwidazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti kienet skorretta ghaliex gew injorati kompletament diversi mill-ispejjez inkorsi mill-konvenuta u, ghalhekk, il-likwidazzjoni kellha tkun f'somma inferjuri ghal dik effettivament likwidata;

Ikkunsidrat:

Illi hija mhix sejra tissofferma ruhha wisq fuq l-ewwel (1) aggravju dwar is-sentenza appellata ghaliex, fil-fehma taghha, dan l-aggravju jirrazenta l-insolenza. Infatti, kif jistghu qatt il-konvenuti appellanti jsostnu - kif qed jaghmlu - illi l-espert kalligrafu Ivan Formosa "… <u>b'ebda mod ma kien konklusiv</u> fuq jekk dik il-prova kienitx twassal biex wiehed jghid li l-firma ma kienitx ta' l-attrici" (sottolinear ta' dina l-Qorti) meta, fil-parti konkluziva tar-rapport tieghu (fol. 423), dan l-espert jghid kategorikament:
"Illi l-esponenti huwa tal-opinjoni li l-firma ta' Emily Pace fuq id-dokument 'PFS' (skrittura tat-3 ta' Marzu, 1993 quddiem in-Nutar Peter Fleri Soler) u l-firma ta' Emily Pace … fuq 'Loan and Interest Agreement' ma' 'Bank of Valletta Limited' tad-9 ta' Novembru, 1992, <u>ma jaqblux</u> mal-firem li ttiehdu bhala kampjuni w <u>ghalhekk mhux awtentici</u>." (sottolinear ta' dina l-Qorti)?

Inoltre, tajjeb illi tigi hawn riprodotta silta qasira hafna, izda daqstant sinjifikattiva, mit-traskrizzjoni dattilografata ta' dak illi ntqal waqt illi l-imsemmi espert kalligrafu, fuq talba tal-konvenuti, kien qed jigi eskuss quddiem l-ewwel Qorti fl-udjenza tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Mejju, 2000 (fol. 447):
"Il-Qorti: Inti <u>kkonkludejt</u> illi z-zewg firem m'humiex genwini[?]
"Xhud: <u>Iva</u>." (sottolinear ta' dina l-Qorti)

Illi jsegwi, ghalhekk, illi l-interpretazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti dwar "… il-konkluzjoni peritali dwar il-firma tal-attrici" hija korretta;

Illi, konsegwentement, l-ewwel aggravju tal-konvenuti kontra s-sentenza appellata qed jigi respint;

Illi dina l-Qorti trid taghmilha cara illi hija waslet ghal din il-konkluzjoni nonostante illi l-ftehim ta' self mal-bank, illi sar fid-9 ta' Novembru, 1992 u illi, skond il-*footnote* numru sitta (6) fil-hames (5) pagna tas-sentenza appellata, huwa "esibit fost id-dokumenti NR2, fol. 281", fir-realta` huwa nieqes mill-inkartament. Dina l-Qorti setghet tasal ghall-konkluzjoni taghha minghajr ma tara dan id-dokument kemm ghaliex fil-konsiderazzjoni ta' l-aggravju illi ghadu kemm gie deciz ma kienx *sine qua non* illi dan id-dokument jigi vizwalizzat u kemm ghaliex, fi kwalunkwe kas, il-firem fuq l-istess dokument illi kien hemm kontestazzjoni dwar l-awtenticita` taghhom gew fotografati mill-espert kalligrafu u kopji tal-fotografiji relativi jiffurmaw parti mir-relazzjoni ta' l-istess espert,

Ikkunsidrat:

Illi dina l-Qorti ma taqbel assolutament xejn ma' dak illi qed jissottomettu l-konvenuti permezz tat-tieni (2) aggravju taghhom kontra s-sentenza appellata, cioè illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti. Infatti, minn ezami tas-sentenza appellata jirrizulta illi l-ewwel Qorti, wara illi, kif già inghad f'dan il-gudikat fil-konsiderazzjoni ta' l-ewwel (1) aggravju dwar l-istess sentenza, waslet ghall- konkluzjoni korretta dwar in-nuqqas ta' awtenticità tal-firem hawn fuq imsemmija, ezaminat il-provi rilevanti kollha prodotti fid-dawl ta' din il-konkluzjoni u kkonkludiet hekk:
"Meta tqis li l-konvenuta nqdiet b'dokument li kienet taf li kien falzifikat, ghax setghet tara li min iffirma flimkien maghha bl-isem ta' l-attrici ma kienx l-attrici, u tqis ukoll il-*mala fides* tal-konvenuti, li fittxew li jahbu dak li ghamlu, il-qorti <u>hija tal-fehma li xejn ma ghandha temmen il-verzjoni tal-konvenuta, u aktar ghandha toqghod fuq il-verzjoni ta' l-attrici</u>." (sottolinear ta' dina l-Qorti)

Dina l-Qorti, wara illi hija ukoll ezaminat il-provi kollha prodotti, tikkondividi il-fehma ta' l-ewwel Qorti dwar in-nuqqas ta' attendibilità tal-verzjoni tal-fatti kif temergi mill-provi prodotti mill-konvenuti;
Illi, ghalhekk, anqas it-tieni (2) aggravju tal-konvenuti kontra s-sentenza appellata ma jimmerita akkoljiment;

Ikkunsidrat:

Illi t-tielet (3) aggravju tal-konvenuti kontra s-sentenza appellata, kif già inghad hawn fuq, huwa illi sabiex illikwidat l-ammont dovut minnhom lill-attrici l-ewwel Qorti injorat "… kompletament diversi mill-ispejjez inkorsi mill-konvenuta fin-negozju" (*sic*). Il-konvenuti anqas biss indenjaw ruhhom jindikaw liema huma d-diversi spejjes inkorsi mill-konvenuta illi huma jallegaw illi gew injorati mill-ewwel Qorti. Mill-ezami tal-provi prodotti illi ghamlet dina l-Qorti ma jirrizultax illi meta l-ewwel Qorti giet sabiex tillikwida l-ammont dovut lill-attrici hija injorat xi spejjes inkorsi mill-konvenuta, jew ahjar, mill-konvenuti;

Illi, ghalhekk, anke t-tielet (3) aggravju tal-konvenuti kontra s-sentenza appellata huwa bla bazi;

Ghal dawn il-motivi:
Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma d-digriet u s-sentenza appellati;
Tordna illi l-ispejjes ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mill-konvenuti appellanti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------